MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 126/2010

**Peter Axisa**
**(ID 804848(M))**

**vs**

**Alexander Farrugia sive Aleks**
**(ID 160878(M))**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-15 ta' April 2010 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat Alexander Farrugia ihallas dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti f'ammont li ma jeccedix il-hdax-il elf u sitta u erbghin Euro, ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 248, bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta gie ippubblikat l-artikolu "Approvat permess f'ODZ lil membru

tad-DCC" fuq il-pagna ta' wara nett tal-gurnall "It Torca' tal-Hadd, 4 ta' April 2010, liema gazzetta r-rikorrenti huwa l-editur regiatrat, u li huwa libelluz, malafamanti u jikkontjeni allegazzjonijiet foloz fil-konfront ta' l-istess attur bil-ghan li inti ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tieghu.

Rat ir-risposta tal-intimati illi laqa' ghal dak lilu mputat billi stqarr li, l-ewwel u qabel kollox, il-gazzetta kull ma ghamlet kien illi fedelment irriproduciet dak li rrizulta mill-website tal-MEPA u dana kien ta' tgharif ta' interess ghall-qarrejja u ghalhekk, certament, kull animus injuriandi huwa esklus. Apparti minn hekk, l-intimat jishaq ukoll illi meta r-rikrorent baghat ittra biex jispjega l-affarjiet, huwa mal-ewwel xandarha, u dana minkejja illi dak kontenut fl-ittra imur oltre id-dritt ta' twegiba pprovdut mill-Ligi.

Rat ix-xhieda tal-**Perit Elizabeth Ellul**, chairperson tad-Development Control Commission (DCC) fi hdan il-MEPA illi kienet ikkunsidrat l-applikazzjoni tar-rikorrent ghal estensjoni tal-bini tieghu, moghtija fl-1 ta' Marzu 2011.

Rat ix-xhieda tal-**Perit Daniel Cordina**, wiehed mill-membri tal-Board tad-DCC, moghtija fl-1 ta' Marzu 2011.

Rat l-affidavit tal-**Perit Robert Musumeci** ipprezentat fit-23 ta' Novembru 2011.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Peter Axisa** moghtija fit-28 ta' Novembru 2011.

Rat illi fit-23 ta' Jannar 2012 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jipprezenta.

Semghet ix-xhieda tal-intimat, **Alexander Farrugia**, moghtija fit-23 ta’ Jannar 2012 kif ukoll fis-27 ta’ Frar 2012.

Semghet ix-xhieda ta’ **Aleander Balzan**, l-gurnalist illi kiteb l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, moghtija fis-27 ta’ Frar 2012 u fit-2 ta’ Novembru 2012.

Rat illi fit-2 ta’ Novembru 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta‘ tan-noti.

Rat illi fl-14 ta‘ Jannar 2013 ir-rikorrent ipprezenta n-nota ta‘ sottomissjonijiet tieghu filwaqt illi fit-12 ta‘ Frar 2013 l-intimat ipprezenta in-nota ta‘ sottomissjonijiet tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna, jirrizulta mhux ikkontestat illi r-rikorrent huwa membru ta’ wiehed mit-tlett Development Control Commissions fi hdan il-MEPA, liema kummissjoni kienet qed tiehu konsiderazzjoni tal-applikazzjoni tieghu sabiex isir tkabbir u zvilupp fid-dar ossija farmhouse illi ghandu ir-rikorrent gewwa Srina Road, Rabat Malta.

Illi ma huwiex ikkontestat ukoll illi l-farmhouse li ghandu r-rikorrent jinsab fiz-zona hekk imsejha ‘Outside Development Zone’.

Illi jirrizulta li r-rikorrent kien applika fl-24 ta‘ April 2007 sabiex jaghmel “Proposed alterations and additions to existing farmhouse”.

Illi skond ir-rapport imhejji mill-Case Officer tal-MEPA u ppreparata fl-20 ta' Gunju 2008, l-applikazzjoni kienet giet deskritta hekk:-

*"This is a fill development permission application to carry out alterations and extensions to the existing dwelling ODZ, This existing building has a total floor space and footprint of approximately 205 square meters and this application seeks to increase the total floor space to an external area of approximately 255 square meters, thus increasing the total floor space by 50 square meters. The development is proposed to take place at first floor"*

Illi skond l-istess rapport imhejji mill-Case Officer u mghoddi lid-DCC sabiex jigi minnu ikkunsidrat, hija kkonkludiet illi

*"... This application cannot be favourable considered since the approval of this application will result in the further intensification of urban development outside development zone."*

Illi jirrizulta li wara tali rakkomandazzjoni, illi saru diversi laqghat quddiem id-DCC li taghha r-rikorrenti kien membru sabiex tali applikazzjoni tigi kkunsidrata u, finalment, wara illi fis-17 ta' Novembru 2009, "Architect to be informed to submit revised drawing to leave the existing footprint", l-applikazzjoni giet milqugha fis-17 ta' Marzu 2010.

Illi, skond kif jidher mill-pagna tas-sit elettroniku tal-MEPA u mehudha mill-intimat fit-30 ta' Marzu 2008, ossija ftit jiem qabel l-artikolu inkiteb, il-kumment li gie hemm irrapportat kien is-segwenti:-

*"DCC 1901110 held on 17th March 2010 Approved 4-0 David Smith not present Peter Axisa expressed conflict of*

*interest and withdrew from the hearing. Justification in relation to the recommendation refusals" The proposed development is not taking up fresh land. Hence, it is proposed on an existing and committed built up area. The proposal lies on a committed site. In fact alterations were approved in PB4922/80"*

Illi jirrizulta li fil-harga tat-Torca tal-4 ta' April 2010, l-intimat, bhala editur, ippubblika storja miktuba minn Aleander Balzan intitolat 'Approvat permess f'ODZ lil membru tad-DCC'. F'tali rapportagg, l-artikolista jaghmel referenza ghar-rapport redatt mill-Case Officer kif ukoll ghal verbal illi jidher indikat fuq is-sit elettroniku tal-MEPA.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi prodotti jirrizulta illi, fit-30 ta' Marzu 2010, kif jidher a fol 49, is-sit elettroniku tal-MEPA illi fiha jkun hemm l-informazzjoni kollha relatata ma' kull applikazzjoni ghal iskrutinju tac-cittadin kellu indikat il-konkluzjoni milhuqa mill-Board kif fuq gia kwotata, izda kopja tad-decizjoni attwali u tal-minuti tal-laqgha ma kienux accessibbli fuq tali sit qabel it-28 ta' April 2010, kif jidher a fol 20 tal-process.

Illi, jirrizulta wkoll mill-provi prodotti li, fil-harga tat-Torca tat-18 ta' April 2010, l-intimat ipproduca ittra intitolata "Peter Axisa jghid li bidel il-pjanti", mibghuta a tenur tal-artikolu 21 tal-Kap 248 f'liema ittra r-rikorrent spjega illi wara r-rakkomandazzjoni ta' rifjut da' parte tal-case officer:-

*"... Il-perit tieghi informa lill-Bord tad-DCC li huwa kien se jemenda l-pjanti biex jigi in konformita' mal-policies u dan huwa ezattament dak li sehh!"*

Minn l-istess artikolu jirrizulta wkoll illi l-intimat stqarr is-segwenti:-

*"Jirrizulta li huwa minnu li Peter Axisa ghamel bidliet fil-pjanti. Madanakollu r-rapport tal-case Officer ma jindika bl-ebda mod li l-Case Officer tal-MEPA bidel l-opinjoni tieghu dwal l-applikazzjoni, anke jekk dan seta' kien il-kaz. Fil-fatt meta wiehed ihares lejn l-applikazzjoni tas-sur Axisa fuq is-sit elettroniku tal-MEPA jara b'mod car il-kliem "Refuse Permission". Nissuggerixxu li meta tinbidel ir-rakkomandazjoni, dan ikun indikat b'mod car min-naha tal-MEPA biex b'hekk ikun evitat kull inkonvenjent".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-assjem tal-provi u, partikolarment, ix-xhieda tar-rikorrent, l-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq il-fatt li l-intimat u l-gurnalist tieghu ma rrapportawx fedelment dak li deher fuq il-website, peress illi huwa sahaq li kien hareg mill-laqgha tad-DCC qabel ma' l-applikazzjoni tieghu giet diskussa u mhux qabel ma ttiehdet decizjoni. Huwa hassu ingurjat ukoll mill-fatt illi kien qieghed jigi allegat li kienet ser tizdied il-'footprint' tal-propjeta filwaqt illi attwalment kien il-'floor space' li kien ser jizdied.

Illi, minn naha l-ohra, l-intimat jistqarr illi huwa kellu fil-pussess tieghu biss ir-rapport tal-Case officer illi fiha kien hemm indikat li l-applikazzjoni kellha tigi michuda kif ukoll l-estratt illi kien hemm fuq is-sit elettroniku u huwa pproduca l-artiklu tieghu abbazi ta' dak illi seta jikkonstata.

Apparti minn hekk, l-intimat stqarr ukoll illi fit-18 ta' April 2010 huwa ppubblika l-ittra spjegattiva intjiera tar-rikorrent u, dakinhar stess, stqarr li kienu l-MEPA tindika mal-ewwel li kien hemm tibdil fir-rakkomandazzjoni taghha, kien "ikun evitat kull inkonvenjent".

**Ikkunsidrat**

Illi, kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Dr Louis Galea vs Joseph Mifsud** deciza fit-3 ta Frar 2012,

*Gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampia protezzjoni f'socjeta` demokratika. Anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist, xorta jibqghalu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq l-allegazzjoni – anke jekk tibqa allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-ligi. Dak li jsir f'kaz ta' gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat.*

*Fil-fatt, fil-kawza Aquilina noe v. L-Avukat Generali et, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja inkwistjoni: "Fil-kawza Galea v. Mifsud, deciza mill-Qorti tal-Appell fit- 28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu investigattiv ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal- pubbliku in generali li jkun infurmat.*

*Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudni mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl- ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed fair*

*o meno (ara ez. Victor Pace v. Joe Azzopardi et, Qorti tal-Appell 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL [2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)).*"

Minn naha l-ohra, kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Caruana v. Mifsud**, deciza fl-24 ta' Settembru 2004:

"*Il-liberta` ta' espressjoni m'hijiex xi licenzja li wiehed ighid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa suggett ghal certu kundizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil-kaz Bladet Tromso and Stensaas v. Norway (20 ta' Mejju 1999) il-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:*

"*Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the article the exercise of this freedom carries with it "duties and "responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"...by reason of "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of*

*general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism." (para 65)"*

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta ben ippruvat illi l-intimat u il-gurnalist tiegu, Aleander Balzan, bbaza l-istorja tieghu fuq informazzjoni illi huwa seta jigbor mis-sit elettroniku tal-MEPA,, liema sit huwa intiz sabiex ic-cittadin ikun jaf dwar kull applikazzjoni illi qieghda tinstema quddiemhom u dwar x'decizjoni ittiehdet.

Illi jirrizulta ben car li l-Case Officer tal-MEPA kien ipproponiet li l-applikazzjoni tieghi michuda u li tali applikazzjoni giet diskussa diversi drabi mid-Development Control Commission illi r-rikorrent kien jifforma parti minnu.

Illi jirrizulta wkoll li, skond in-notamenti ta' l-istess Case Officer illi l-intimat ottjena mill-istess sit elettroniku, wara ir-rakkomandazzjoni tal-Case Officer, saru tlett laqghat quddiem id-DCC fejn l-applikazzjoni giet diskussa, wahda fis-16 ta' Settembru 2008, wahda fl-20 ta' Ottubru 2009 u wahda fis-7 ta' Novembru 2009. Filwaqt illi f'tali notamenti imkien ma hemm indikat jekk r-rikorrent harigx il-barra jew le waqt li kienu qed isiru tali diskussjonijiet, jirrizulta izda li l-perit kien sottometta

*" Fresh drawings .... Increasing the footrpint, but retaining the committed area and reducing the previously proposed structures at second floor."*

Illi jirrizulta ben ippruvat illi d-decizjoni finali tad-DCC kienet a disposizzjoni tal-pubbliku, u ghalhekk tal-intimat ukoll, fit-28 ta' April 2010, jigifieri ftit anqas minn xahar wara illi kien gie ippublikat l-artikolu, liema decizjoni dina l-

Qorti lanqas ma hija a konjizzjoni taghha peress illi r-rikorrent lanqas biss esebiha fl-atti ta’ dawna l-proceduri izda esebixxa biss kopja ta’ email mibghuta lilu fis-6 ta’ Gunju 2010 fejn kien hemm indikat ‘Peter Axisa expressed a conflict of interest and withdrew from the hearing”.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax, l-ewwel u qabel kollox, illi ghalkemm hemm tlett Development Control Commissions fi hdan il-MEPA, id-DCC illi kienet qed tikkonsidra l-applikazzjoni tar-rikorrent, li taghha huwa kien wiehed mill-membri, ma hassietx l-obbligu, fir-rispett tat-trasparenza u gustizzja, li tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-applikazzjoni ta wiehed mill-membri taghha u tghaddiha lill wahda miz-zewg kummissjonijiet ‘l ohra.

Il-Qorti ukoll ma tistax ma tinnutax illi ghalkemm hemm indikat illi dakinhar illi ttiehdet id-decizjoni tal-applikazzjoni, ossija fis-17 ta’ Marzu 2010, ir-rikorrent esprima li kellu kunflitt ta’ interess u telaq ‘l barra mill-laqgha’, ma ngiebet ebda prova li turi illi fis-16 ta’ Settembru 2009, fl-20 ta’ Ottubru 2009 u fis-17 ta’ Novembru 2009, meta d-dettalji tal-applikazzjoni kienet qieghda tigi diskussa fir-reqqa, r-rikorrent kien ghamel dikjarazzjoni simili u kien telaq ‘l barra. Il-fatt illi r-rikrorent hareg il-barra mil-laqgha meta l-applikazzjoni tieghu giet ddeciza ma jfissirx illi huwa ghamel l-istess meta l-applikazzjoni tieghu kienet qed tigi diskussa fil-laqghat precedenti, u r-rikorrent ma pprezenta ebda provi li juru li attwalment huwa ghamel hekk.

Illi, tenut kont ta’ dawn il-konsiderazzjoni kollha, il-Qorti tifhem illi huwa certament fl-interess tal-pubbliku illi storja relatata mal-ghoti ta’ permess ghal estensjoni ta’ bini

f’zona ODZ li originalment kienet rakomandata bhala mhux accettabbli tigi rrapurtata, aktar u aktar meta tali decizjoni ttiehdet mill-istess Kummissjoni illi l-applikant, ossija r-rikorrent, kien membru taghha.

Illi, apparti minn hekk, l-intimat irrapporta fedelment dak li kien hemm fuq is-sit tal-MEPA u kien unikament ghax il-MEPA damet sitt gimghat biex tippubblika d-decizjoni taghha in intjier li l-intimat ghadda biex jippubblika l-istorja fuq l-informazzjoni illi kellu.
Illi, fl-ahhar nett, ma huwiex minnu li l-intimat ma rrapportax fedelment dak li kien hemm fuq is-sit tal-MEPA, peress illi kienet il-Case Officer stess illi qalet illi l-”foot print” kien ser jizdied, filwaqt illi kien korrett li l-intimat jikkonkludi li r-rikorrent hareg mill-laqgha meta dina kienet ser tigi approvata, peress illi fit-tlett laqghat precendenti, ma hemm ebda indikazzjoni illi r-rikorrent telaq il-barra mil-laqgha li kienet qed tiddiskuti l-applikazzjoni tieghu.

Illi, finalment, il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnutax illi r-rikrorent inghata prominenza sufficjenti biex jipprotegi r-reputazzjoni tieghu minnufih, u dana fl-istess gazzetta li rapportat l-artikolu tieghu, u dana in vista tal-ittra dettaljata illi r-rikorrent baghat lill-intimat u li giet irrapportata mill-intimati fit-18 ta’ April 2010

**Konkluzjoni**

Ghalhekk, jidher car illi l-ilment tar-rikorrent ma jirrizultax, peress illi dak rrapportat mill-intimat kien rizultat ta’ gurnalizmu investigattiv da parte tal-gurnalist Aleander Balzan, liema gurnalizmu ghandu jigi protett u mhux maghkus minn dina l-Qorti.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ l-eccezzjonjiet kollha tal-intimat u

Tichad it-talba attrici

Spejjez kollha tal-proceduri odjerni ikunu a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------